# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 46 – IT-TLIETA 25 TA' SETTEMBRU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:35pm.

| Preżenti : | | |
|---|---|---|
| | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier (wasal fit-8:30pm) |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Kien hemm membru tal-pubbliku waqt il-laqgħa.

Is-SE infurmat li l-Kunsillier Scerri Diacono kien infurmaha li se jasal tard.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 45

1.1 Il-minuti tal-laqgħa nru. 45 ġew approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI 45

2.1 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar ir-*railing* ta' Triq Santa Luċija, is-SE infurmat li hi u s-Sindku kienu tkellmu mas-CEO tal-Awtorità tad-Djar li infurmahom li kien għadda din it-talba lil wieħed mill-periti tiegħu. Minħabba li s-SE kienet bgħatet diversi talbiet bil-miktub u sal-ġurnata ma kien hemm ebda risposta, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jagħmel ir-*railing* hu. Is-SE għandha tikko-ordina dan ix-xogħol.

2.2 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar para. 5.14, is-SE infurmat li kienet għadha ma tkellmitx mal-avukat.

2.3 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-kennies kien reġa' qed iħalli xi xogħlijiet b'lura. Huwa semma' numru ta' toroq li kienu għadhom mhux isiru b'regolarità. Hawnhekk is-SE infurmat ukoll li fil-preżent hija kellha problema wkoll minħabba li allegatament kienet intlaqtet vettura waqt li kien qed jaqta' l-ħaxix u l-*insurance* tat-terza persuna kienet qed iżżomm lill-Kunsill responsabbli. Is-SE infurmat hija kienet talbet gwida lill-avukat tal-*insurance* tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni.

2.4 Is-SE għamlet riferenza għal para. 5.13 dwar il-kwistjoni tal-permessi tal-krejnijiet. Hawnhekk hija qrat iż-żewġ dikjarazzjonijiet tal-iskrivani (mehmuża) li t-tnejn qalu li r-resident fl-ebda ħin ma talab għajnuna ulterjuri milli tawh. Sadanittant is-SE

infurmat ukoll li b'kumbinazzjoni dan ir-resident kien reġa' mar l-uffiċċju matul dik il-ġimgħa u hija kienet staqsietu jekk b'xi mod l-amministrazzjoni kinitx naqset milli tgħinu l-aħħar darba li mar l-uffiċċju. Huwa kien ikkonferma li kien inqeda mill-aħjar li seta' u wegħdha li lest li jixhed dan kollu quddiem l-istess Viċi Sindku, li kien qed jagħmel din l-allegazzjoni. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel avviż fuq il-fuljett dwar il-proċedura għal min jeħtieġ permessi simili sabiex wieħed ikun preparat.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li kien avviċinah is-Sur Karistu Abela dwar petizzjoni li se ssir kontra l-privatizzazzjoni ta' żewġ parkeġġi fir-Rabat u li setgħu jaffettwaw lir-residenti tal-Imtarfa. Wara li qara l-petizzjoni, kien hemm qbil unanimu li l-kunsill għandu jagħti l-appoġġ tiegħu għan-nom tar-residenti.

3.2 Is-Sindku informa li kellu talba biex jitneħħew is-sinjali minn Triq il-Gladjoli sabiex isir parkeġġ fuq naħa minnhom. Kien hemm qbil li t-triq ma tiflaħx għal parkeġġ minħabba li m'hemmx wisa' biżżejjed u għaldaqstant ma ġietx aċċettata. Min-naħa l-oħra iżda s-SE ġiet mitluba tara l-possibbiltà li jsir studju hekk kif mitlub minn TM sabiex il-parkeġġ f'din it-triq isir '*for residents only*' minħabba l-problema akuta li għandhom kull meta jkun hemm il-futbol. Hija għandha tagħmel l-istess studju għaż-żona ta' Binja Ġebel Dwejra.

3.3 Is-Sindku informa li kien għamel rapport lill-Uffiċċju tal-President wara li l-kuntrattur li kien qed jaħdem fuq il-Binja tal-MCCF kisser il-bankina. Is-SE infurmat li kienet bagħtet kommunikazzjoni hi wkoll dwar dan. Hawnhekk daħal il-Kunsillier Scerri Diacono. Il-ħin kien it-8:30pm.

3.4 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tagħmel tfakkira lil min hu kkonċernat li l-Kunsill għadu interessat li l-*Isolation Hospital* jiġi devolut lilu.

3.5 Is-SE infurmat li l-A.O. kien infurmaha li għalkemm kienu ntbagħtu l-*green wardens* fix-xahar ta' Awwissu, ma kienet inħarġet l-ebda ċitazzjoni jew twissija. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lura dwar l-abbużi li qed isiru fil-lokalità.

3.6 Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa malajr mal-iMtarfa FC fir-rigward tal-attività konġunta li ssir qabel il-Milied, l-iMtarfa Christmas Market.

3.7 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha tiġi preżentata tifkira lil Fr. Reuben waqt l-aħħar quddiesa tiegħu.

3.8 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa ma' rappreżentant tal-Enemalta dwar in-nuqqas ta' dawl f'Binja Msieraħ. Dan kien ikkonferma li sakemm jiġu provduti d-dwal u l-Kunsill jaqbel li jieħu ħsieb tal-manutenzjoni, seta' jiġi mqabbad mal-*istreet lighting* minħabba li kkonferma li l-passaġġ kien pubbliku. Huwa informa wkoll li kien sar arranġament simili wkoll għal dawl madwar Binja Qlejgħa.

3.9 Is-SE għamlet riferenza għal memorandum li ntbagħat mid-Direttur tal-Gvern Lokali fejn kien qed jitlob li s-Sindku jagħmel rifużjoni tal-onorarja tas-Sindki sal-aħħar ta' Diċembru 2013. Il-Kunsill qabel ma' dan il-ftehim.

3.10 Is-SE infurmat li l-Aġenzija Żgħażagħ kienet qed terġa' tiftaħ l-applikazzjonijiet għall-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

3.11 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand GreenMT rigward it-tiġdid tal-ftehim tal-iskart separat. Il-Kunsill qabel li jerġa' jġedded però kienet se tinġibed l-attenzjoni tagħhom dwar xi flus li hemm pendenti minn riklamar li sar f'attivitajiet tal-Kunsill.

3.12 Is-SE infurmat li kellha talba għal permess għal tiġrijiet taż-żwiemel fil-*bypass* min-naħa ta' Dar il-Kaptan. Minħabba li s-sena li għaddiet kien hemm problema kemm

bit-traffiku kif ukoll bil-ħmieġ taż-żwiemel, wara diskussjoni kien hemm qbil li għalkemm m'hemmx oġġezzjoni, għandha ssir konsultazzjoni magħhom sabiex ma jerġax jinqala' l-istess inkonvenjent.

3.13 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand resident li daħallu l-ilma meta għamlet ix-xita minħabba li tbaxxiet il-bankina fi Triq l-Imtarfa. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jerġa' jibgħat tfakkira lil TM sabiex din il-bankina terġa' tittella' l-livell li kienet.

3.14 Is-SE infurmat lill-Kunsill li kien waslilha rapport dwar persuna li qed twaddab xi ġebel u tħawwel xi siġar fiż-żona ta' quddiemha. Dan il-persuna kien ġie jkellimha u għamel talba uffiċċjali lill-Kunsill sabiex itih il-permess jirranġa quddiemu. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba minħabba li estetikament qed tkerrah iż-żona. Minbarra hekk, ma kien inġieb ebda permess sabiex isir dan ix-xogħol. Is-SE ġiet mitluba tibgħat ittra lil din il-persuna u titlobha sabiex treġġa' kollox lura għall-istat oriġinali.

3.15 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-talba tas-SE sabiex jinxtara l-konkos biex jiġi livellat l-aħħar parti tal-passaġġ fi Triq Gregorio Caraffa u ssir bankina għal taħt l-iskips ta' Triq San David.

3.16 Hawnhekk il-Kunsill qabel li jwaqqaf il-laqgħa temporanjament sabiex jitkellem mal-kuntrattur tal-knis, is-Sur Bryden Azzopardi, dwar in-nuqqasijiet li qed jiġu nnutati. Il-ħin kien id-9:30pm.

3.17 Il-laqgħa reġgħet ingħatat bidu fl-10pm.

3.18 Is-SE infurmat lill-Kunsill li wara ħafna kommunikazzjonijiet ma' entitajiet differenti, il-każ dwar il-bollard ta' Triq is-27 ta' April kien twassal quddiem il-Bord tal-Governanza fejn dan aċċetta r-raġunament tal-Kunsill. Għaldaqstant is-SE kienet se terġa' tapplika għal sinjal kif deċiż oriġinarjament.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Awwissu. Kopja tiegħu hija annessa.

4.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.3 Il-Kunsill approva li jixtri xkaffar għall-istore l-ġdid għal mhux aktar minn €200.

## 5. TIĠDID TA' KUNTRATTI

5.1 Is-SE infurmat li matul dik il-ġimgħa kien se jidher avviż fuq il-gazzetta tal-gvern u fuq gazzetta lokali dwar l-offerti tal-ġbir tal-iskart u l-modifikazzjoni tal-parkeġġ quddiem Binja San David. Id-data tal-għeluq kienet il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru f'nofsinhar.

5.2 Hija infurmat li sadanittant kienet irċeviet ittra oħra bl-avukat mingħand wieħed mill-kolletturi li kien ġabar l-offerta matul is-sena 2010, meta din l-offerta kienet ġiet irtirata. Wara diskussjoni u fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vella, kien hemm qbil li kemm-il darba dan il-kuntrattur ma jkunx interessat aktar f'din l-offerta, huwa għandu jingħata l-flus lura (€150).

5.3 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-proġett tal-modifikazzjoni tal-parkeġġ, għalkemm qed tinħareġ l-offerta, il-Kunsill kien għadu qed jistenna l-permess neċessarju mingħand il-MEPA. Fuq suġġeriment tas-SE kien hemm qbil li l-Perit għandu jkun fuq il-bord tal-aġġudikazzjoni ta' dan it-*tender*.

5.4 Is-SE infurmat ukoll li sadanittant kien skada l-kuntratt tat-tindif tal-latrina u għaldaqstant kienet talbet lill-kuntrattur sabiex iġib estensjoni sakemm jinħareġ u jiġi

maghżul il-kuntrattur. Kien hemm qbil li s-SE għandha tmexxi bil-ħruġ ta' din l-offerta fuq l-istess kriterji ta' qabel. Min-naħa l-oħra, fuq suġġeriment tas-SE kien hemm qbil li l-kuntratt għandu jinħareġ fuq massimu ta' tlett snin minflok sentejn.

5.5 Kien hemm qbil li l-kuntratt tal-*insurance* għandu jerġa' jiġġedded għal sena oħra.

5.6 Is-SE uriet it-tħassib tagħha minħabba li għalkemm dawn l-aħħar xhur hija kienet bagħtet numru ta' *emails* lill-*accountant* tal-Kunsill kif ukoll *reminders* regolari min-naħa tad-DLG, dan ma kienx għadu għamel l-*updates* neċessarji fuq il-*Fixed Assets Register* (FAR). Il-Kunsill qabel unanimament li s-SE għandha tibgħat ittra lill-*accountant* fejn dan kien se jingħata żmien ta' ġimgħatejn biex iġib il-*FAR up-to-date*. Kemm-il darba huwa jonqos milli jagħmel dan, is-SE kellha tibda l-proċess sabiex tinħareġ offerta għal *accountant*.

5.7 Il-Kunsill qabel li s-SE għandha toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet fuq l-istess kriterji tas-sena ta' qabel fir-rigward tal-*wiring* tad-dekorazzjonijiet tal-Milied.

5.8 Is-SE infurmat ukoll li għalkemm mhux urġenti għall-aħħar, kienet se tibda taħdem ukoll fuq offerta għal perit. Il-Kunsill qabel.

5.9 Hawnhekk il-Kunsillier Vella skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien l-10:32pm.

## 6. KALENDARJU TAL-ATTIVITAJIET TAL-MILIED 2012

6.1 Kien hemm qbil li għandu jinżamm l-istess kalendarju bħal tas-sena li għaddiet.

6.2 Fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Bugeja kien hemm qbil li għandha tiġi organizzata weekend break bejn it-2 u l-4 ta' Novembru fis-San Antonio Hotel. Il-prezz kien ta' €75 kull persuna u €28 għat-tfal.

6.2 Il-Kunsilliera Bugeja reġgħet ġibdet l-attenzjoni dwar problema li kellu Dottor Schembri li joqgħod fi Triq Sir Temi Zammit. Kien hemm qbil li ma kienx possibbli għall-Kunsill li jgħinu minħabba li l-culvert in kwistjoni ma kienx responsabbiltà tal-Kunsill, u għaldaqstant is-SE għandha tinfurmah b'dan.

6.3 Hawnhekk il-Kunsilliera Bugeja skużat ruħha mil-laqgħa. Il-ħin kien il-10:45pm.

## 7. AFTER SCHOOL SPORTS PROGRAMME 2012 - 2013

7.1 Ġie kkonfermat li l-Kunsill għandu jiftaħ l-applikazzjoni għall-*After School Sports Programme* mal-Imtarfa kollha. Kien hemm qbil ukoll li għandu jagħmel ħlas nominali ta' €10 għal kull tifel/tifla għat-tul tas-sessjonijiet kollha.

## 8. PUNTI OĦRA

8.1 Is-Sindku informa li x-xogħol fuq il-bandli issa kien qabad ritmu tajjeb. Sadanittant kien ġie infurmat li l-Perit bdiet taħdem fuq it-tieni fażi tal-proġett.

8.2 Fuq suġġeriment tal-kunsillier Scerri Diacono kien hemm qbil li għandu jintwera filmat fl-Iskola Primarja fejn ikunu mistiedna r-residenti kollha tal-lokalità. Dan il-filmat inħadem kollu fl-Imtarfa u l-maġġorparti tal-atturi kienu wkoll mil-lokalità. Il-Kunsill kien se jħallas għas-servizz tal-ftuħ u l-għeluq tal-iskola.

8.3 Fuq talba tal-Kunsillier Scerri Diacono kien hemm qbil li titpoġġa landa tal-iskart viċin tal-istatwa ta' San Nikola.

8.4 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, ma kienx hemm oġġezzjoni li tintbagħat talba għal keep clear ta' 1m fi Triq Sir Leslie Rundle.

8.5 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li hu u s-SE għandhom jivverifikaw jekk hux possibbli li spazju fejn il-garaxxijiet faċċata tal-bandli jinbidel f'żewġ parkeġġi.

8.6 Il-Viċi Sindku informa li hu u s-SE kellhom laqgħa ma' rappreżentant tal-uffiċċju tas-Sanità minħabba l-problema akuta ta' drenaġġ li qed jiżbroffa fi Triq it-Torri tal-Arloġġ.

8.7 Il-Viċi Sindku talab biex is-SE tibda tgħaddilu kopja tal-programm ta' xogħlijiet tal-ħaddiema minn ġimgħa qabel. Is-SE infurmat li dan mhux possibbli għaliex għalkemm ġeneralment ikun hemm programm, dan jinbidel minn ġurnata għall-oħra skont il-prijoritajiet. Min-naħa l-oħra ma kellhiex oġġezzjoni li filgħodu jistaqsi lill-iskrivani sabiex jinfurmawh fejn se jkunu qed jaħdmu l-ħaddiema ta' barra.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa spiċċat fil-11:25pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru 2012 fis-7.30pm.

| ______________________ | ______________________ |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Anthony Mifsud** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |